MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 420/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Kevin Farrugia)**
**Vs**

**Jesmond Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 t'Awissu, 2007, u fix-xhur ta' qabel, fi Triq il-Gharghur, B'Kara, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fiz-zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi w li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gieghel jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li joqghodu f'bini fil-qrib, u cioe' dejjaq lil Victor Azzopardi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Novembru, 2007, li

biha, wara li rat l-artikolu 130 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif dedotta w ikkundannatu ammenda ta’ ghoxrin lira Maltin (LM20).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Dicembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull piena w imputazzjoni, b’riserva li jittressqu dawk il-provi kollha opportuni fi stadju t’appell.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat Illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-

1. Illi fl-ewwel lok id-dibattitu kollu quddiem l-Ewwel Qorti kien dwar l-allegat ksur ta’ l-Artikolu 41 (2) tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta’ Malta. Meta l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati bi ksur ta’ l-Artikolu 130 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan ma kellu x’jaqsam xejn anke mal-provi prodotti;
2. Illi minghajr ebda pregudizzju w subordinatament ghas-suespost, anke fattwalment, l-akkuzi imputati lill-appellant, b’ebda mod ma rrizultaw jew jikkonfiguraw. L-iskop ta’ l-artikolu ma jindirizzax attivita’ li hija ghal kollox normali ta’ xi hadd li johrog jdahhal fil-garage tieghu vettura, anke jekk hija ta’ certu kobor. Anzi jirrizulta b’mod car anke mir-rapport li ghamel l-appellat, li l-unika moviment li jidher li qieghed jilmenta minnu hu dak ta’ filghodu, x’ hin l-appellant jixghel u jistartja t-truck in kwistjoni;
3. Illi apparti dak kollu imsemmi, l-akkuzi ma jirrizultawx peress li mill-provi li tressqu, l-ilmenti tal-persuna li ghamlet ir-rapport qatt ma jistghu jammontaw ghal xi tip ta’ inkonvenjent jew vessazzjoni li f’cirkostanzi bhal dawn trid il-ligi.

Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni w tad-difiza fis-seduta tal-lum.

Rat id-digriet taghha tal-lum stess li bih iddispensat mix-xhieda ta’ mart l-appellant ghall-ragunijiet hemm indikati.

Peress illi osservat mill-ezami tas-sentenza appellata illi l-Ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 130 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta’ Malta bhala l-Artikolu li suppost tahtu nstabet il-htija w dan l-Artikolu effettivament gie mhassar bl-Att XXVII tal-2001 u ghalhekk gie citat Artikolu li m’ghadux vigenti fil-Ligi w li lanqas kien vigenti meta giet kommessa l-allegata kontravvenzjoni f’Awissu 2007 u fix-xhur ta’ qabel.

Ikkonsidrat;

Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;

Illi skond gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita’ tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali. F’ kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f’ dan is-sens l-Appelli Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Paul Cachia**” [25.9.2003] ; **“Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**” [9.9.2002]; **“Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**” [10.7.2002 u 28.6.2002] **“Il-Pulizija vs. Donald Cilia**” [24.4.2002] u ohrajn)

Issa kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza anki meta l-artikoli citati fis-sentenza jkunu zbaljati, kif jidher li x’ aktarx gara f’ dan il-kaz, dan il-fatt igib in-nullita’ tas-sentenza appellata. (ara. Appell Krim. **“Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**” [28.5.1987], **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et."** [19.5.2005] u ohrajn.) Ovvjament l-istess japplika meta jigi citat artikolu inezistenti ghax ikun gie abrogat.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi milqugh, imma fis-sens li l-Qorti ghandha tannulla s-sentenza appellata.

In vista tal-provvediment infraskritt mhux il-kaz li din il-Qorti tinvesti l-aggravji l-ohra tal-appellant f' dan l-istadju.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppio ezame, terga' tirrimetti l-kaz lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jigi mismugh u deciz skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------